**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 26 ta' Lulju 2021**

**Rikors Numru 51/2020**

**Maria Charmaine Galea**

**vs**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Maria Charmaine Galea** ppreżentat fis-7 ta' Lulju 2020 li permezz tiegħu ppremettiet s-segwenti:-

"

1. *Illi r-rikorrenti kienet applikat sabiex totjeni liċenzja ta' Gwardjan Privat skont kif provdut fil-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta, u cioè l-Att dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunità;*

2. *Illi permezz ta' ittra ffirmata mill-Aġent Kummissarju, liema kopja qiegħda tiġi annessa u mmarkata bħala MCG1, fejn ir-rikorrenti ġiet infurmata li tali applikazzjoni qiegħda tiġi rifjutata a bażi ta' dak li hemm kontemplat fl-artikolu 10(b) tal-Kapitolu 389, preċiżament* ***"meta dan jikkunsidra li jkun fl-interess pubbliku li jirrifjuta dik il-liċenza,";***

3. *Illi l-Kummissarju tal-Pulizija sejjes d-deċiżjoni tiegħu unikament fuq sentenza mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati kontra r-rikorrenti, liema sentenza hija datata 24 ta' Mejju 2018, liema kopja legali qiegħda tiġi annessa u mmarkata bħala MCG2;*

4. *Illi l-rikorrenti kienet ammettiet għall-akkużi dedotti kontra tagħha fejn, filwaqt li l-Onor. Maġistrat sedenti kien stqarr li r-reati kienu gravi, però fehem ir-retroxena tal-każ, di fatti il-Qorti kienet tenniet li **"Il-Qorti tista' forsi tifhem u sa ċertu punt tissimpatizza mal-imputata, li wara kollox jidher li l-animu wara t-twettiq ta' dan ir-reat kien biex ikollha opportunità aħjar li tapplika għal xogħol"**[1]**;***

5. *Illi l-artikolu 10(b) ma jagħti l-ebda "Carte Blanche" lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jekk ma jsib l-ebda raġuni aktar speċifika taħt l-artikoli preċedenti, juża l-artikolu ndikat sabiex xorta jirrifjuta applikazzjoni, saħansitra b'inqas analiżi, u kwindi ma jistax jintuża sabiex jillapazza n-nuqqas ta' riżorsi li l-Korp tal-Pulizija jista' għandu;*

6. *Illi importanti li l-analiżi ssir mhux b'mod ġenerali iżda skont iċ-ċirkostanzi tal-każ, di fatti kieku sar dan l-eżerċizzju fil-każ de quo, l-intimat faċilment kien sejjer jinduna li l-okkupazzjoni tar-rikorrenti bl-ebda mod ma kienet ser tintralċa l-fiduċja pubblika, hekk kif ser jiġi pruvat fit-trattazzjoni tal-każ odjern;*

7. *Illi għalhekk qiegħed umilment jiġi ribadit li sabiex l-intimat seta' jeżerċita l-poteri riservati lilu skont l-artikolu 10(b), kien jinneċessita li jiddedika dak il-ħin neċessarju sabiex jeżamina l-partikolaritajiet tal-każ, liema sentenza mertu tal-każ, senjatament il-kliem tal-Maġistrat, kellha tkun ix-xrara sabiex tinizja analiżi aktar approfondita, u dan dejjem sabiex kull deċiżjoni tilħaq il-bilanċ bejn il-pubbliku u l-interess individwali in konformità mal-Ġustizzja Naturali;*

8. *Illi finalment r-rikorrenti umilment temmen li l-perikolu għall-interess pubbliku ravviżat mill-Kummissarju tal-Pulizija, fil-każ de quo, huwa karenti għall-aħħar, apparti għall-fatt li ma saret l-ebda konnessjoni fuq dan il-punt bejn dak li tikkontjeni s-sentenza ċitata u l-applikazzjoni mertu tal-każ, kwindi qiegħed fermament jiġi ribadit li l-Kummissarju tal-Pulizija fl-evalwazzjoni tiegħu naqas li josserva l-Prinċipju tal-Ġustizzja naturali;*

*Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob li dan it-Tribunal sabiex jogħġbu jħassar u jirrevoka d-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija datata 18 ta' Marzu 2020, u minflok tapprova l-applikazzjoni tar-rikorrenti għall-ħruġ tal-liċenzja relattiva."*

Ra r-risposta **tal-Kummissarju intimat** ppreżentata fil-31 ta' Lulju 2020 li permezz tagħha eċċepixxa s-segwenti:-

[1] Pulizija (Spt. Curmi) vs Maria Charmaine Galea, Qorti tal-Maġistrati (Ġudikatura Kriminali), 24/5/2018, Onor. Maġ. Dr. Anthony G. Vella.

"

1. *Illi l-esponent Kummissarju tal-Pulizija jeċċepixxi illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fid-dritt u fil-fatt, u dan għaliex għall-kuntrarju ta` dak li qed jingħad mir-rikorrenti fir-rikors promotur, kien hemm raġunijiet validi u b'saħħithom biżżejjed sabiex jiġġustifikaw id-deċiżjoni tal-istess esponent li ma joħroġx il-liċenzja ta` gwardjan privat lir-rikorrenti;*

2. *Illi l-esponent jiċħad bil-qawwa kollha l-allegazzjoni tar-rikorrenti illi l-esponent uża l-artikolu 10(b) tal-Kap. 389 tal-Liġijiet ta' Malta bħala carte blanche u jirrileva illi tali allegazzjoni hija waħda infondata;*

3. *Illi inoltre ma jistax jitqies li mhux fl-interess pubbliku li tiġi rifjutata tali applikazzjoni meta reċentement r-rikorrenti nstabet ħatja ta' reat li jmur kontra l-fiduċja pubblika. Nhar l-24 ta' Mejju, 2018, ir-rikorrenti nstabet ħatja b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fit-23 ta' Marzu, 2017, u fix-xhur ta' qabel din id-data, xjentement iffalsifikat ir-riżultati tal-eżamijiet maħruġa minn istituzzjoni bħalma hija l-Università ta' Malta, u dan bi ksur tal-artikoli 183, 184, 188(1) u 189 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi għal dan ir-reat gravi r-rikorrenti ġiet ikkundannata għal tliet mitt (300) siegħa ta' servizz fil-komunità f'sentejn, ai termini tal-Kap. 466 tal-Liġijiet ta' Malta;*

4. *Illi f'paragrafu numru 4 tar-rikors tagħha r-rikorrenti konvenjentement waqqfet ħesrem il-parti ċitata minnha mis-sentenza kriminali u ma komplietx tgħid illi l-Qorti qalet ukoll illi "huwa ferm gravi li persuna tbiddel u taltera ċertifikat ta' eżami maħruġ mill-Università u tuża dak id-dokument hekk iffalsifikat. Dik l-azzjoni tkisser il-fiduċja li l-pubbliku jkollu fl-istituzzjonijiet, jekk wieħed ikollu dejjem jiddubita minn ċertifikati maħruġa mill-awtoritajiet. Huwa għalhekk li r-reat fih innifsu huwa wieħed serju b'riperkussjonijiet serji wkoll";*

5. *Illi l-esponent jirrileva li ma setax joħroġ il-liċenzja tar-rikorrenti fid-dawl ta' dak espost hawn fuq, u dan skont il-kunsiderazzjonijiet li għamel ai termini tal-artikolu 10(b) tal-Kap. 389 tal-Liġijiet ta' Malta. L-esponent Kummissarju tal-Pulizija huwa tal-umli fehma li Maria Charmaine Galea għandha tkun persuna ta' eżempju f'xogħolha u mhux taġixxi b'atti li suppost qed tipprevjeni hi stess f'każ li tingħata l-liċenzja ta' gwardjan privat. Illi meta wieħed jikkunsidra li r-reat kommess kontra l-fiduċja pubblika kien wieħed riċenti tant li fil-punt tal-applikazzjoni s-sentejn żmien imsemmija fis-sentenza kriminali kienu għadhom ma ddekorrewx, u l-istess reat ma jagħmilx lill-appellanta persuna idonea sabiex tagħmel ix-xogħol ta' gwardjan privat, huwa raġjonevoli tassew illi l-Kummissarju tal-Pulizija wasal għal din id-deċiżjoni li jirrifjuta l-applikazzjoni;*

6. *Illi l-esponent jagħmel referenza għal sentenza li fiha dan l-Onorabbli Tribunal diversament presedut apprezza r-rwol li għandu l-Kummissarju fil-ħruġ ta` tali liċenzji, u ċioè illi sabiex jasal għad-deċiżjoni, irid jibbilanċja l-interess tal-applikant li jkollu liċenzja, mal-interess tal-pubbliku in ġenerali illi individwi li jiġu vestiti bil-kariga ta`*

*gwardjan privat jew gwardjan lokali, ikunu individwi ta` karattru affidabbli u sod biex b'hekk ikunu jistgħu jaqdu d-dmirijiet tagħhom b'responsabilità. Ir-rikorrenti trid tirrikonoxxi illi l-liċenzja li applikat għaliha, iġġorr magħha ċertu piż u responsabilità, peress illi min ikun fil-pussess ta` tali liċenzja jiġi vestit b'kariga pubblika, u jkollu poteri simili għal dawk ta` uffiċjal tal-Pulizija, u għalhekk, l-evalwazzjoni tal-applikazzjoni trid tkun waħda eżawrenti kemm jista` jkun. Fis-sentenza fl-ismijiet* ***David Vincenti vs Kummissarju tal-Pulizija,*** *deċiża fl-4 ta` April 2013 (Rik Nru 275/2011), dan l-Onorabbli Tribunal diversament presedut għamel is-segwenti osservazzjonijiet:*

> *It-Tribunal jibda biex josserva li għalkemm ai termini tal-Artikolu 25(1) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta` Malta dikjarazzjoni ta` ħtija għal reat li dwaru ssir Ordni ta` Probation għandha titqies bħala li ma tkunx dikjarazzjoni ta` ħtija għal ebda fini li jkun, ma jfissirx li r-reat in kwistjoni u l-fatturi li wasslu għat-twettiq ta` dak ir-reat ma għandhomx jittieħdu in konsiderazzjoni għall-fini li jiġi determinat jekk huwiex o meno fl-interess pubbliku li persuna tingħata liċenza ta` Gwardjan Privat. Għalhekk il-Kummissarju tal-Pulizija ġustament ħa dawn il-fatturi in konsiderazzjoni hu u jikkonsidra t-talba tar-Rikorrent għall-ħrug ta` liċenza ta` Gwardjan Privat......*
>
> *B'hekk għalkemm ir-rikorrent ċertament ma huwiex ta` xi minaċċa għas-soċjetà, u dana partikolarment f'sens kriminali – it-Tribunal ma jqisx li kemm-il darba l-istess rikorrent kellu jingħata liċenza ta` Gwardjan Privat dan ikun ta` ġid għalih u għas-soċjetà. Konsegwentement għalhekk ma huwiex fl-interess pubbliku li tinħareg liċenza ta` Gwardjan Privat favur ir-Rikorrent.*[2]

7. *Illi għalhekk, jidher ċar illi t-Tribunal ukoll qiegħed jinterpreta l-interess pubbliku bħala bażi ta` rifjut f'sens aktar wiesa', u ċioè* **mhux biss** *b'rabta ma` xi biża` illi l-applikant jista` jkun ta` xi periklu pubbliku f'sens kriminali. Kien għalhekk ġust u raġjonevoli l-Kummissarju tal-Pulizija li f'dawn iċ-ċirkostanzi uża d-diskrezzjoni mogħtija lilu bil-liġi u għażel illi jirrifjuta l-applikazzjoni tal-appellanta;*

8. *Illi finalment b'referenza għat-talba hekk kif dedotta mir-rikorrenti, l-esponent jirrileva illi dan l-Onorabbli Tribunal ma jistax jagħti l-liċenzja ta' Gwardjan Privat u dan għaliex il-kompetenza tat-Tribunal hija purament waħda ta' reviżjoni ta' deċiżjonijiet u mhux li jarroga fuqu l-poter deċiżjonali li għandhom l-awtoritajiet pubbliċi.*

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponent qiegħed bl-akbar rispett jadixxi lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jiċħad it-talbiet tar-rikorrenti fl-interità tagħhom bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti."*

Sema' l-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet;

---

[2] Enfażi miżjud mill-esponenti.

Ra li r-rikors ġie mħolli għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi mir-rikors promutur jirriżulta illi r-rikorrenti qiegħda tikkontesta deċiżjoni tal-Kummissarju intimat li permezz tagħha rrifjuta li joħroġ liċenzja ta' gwardjan privat u dan peress li rriżultalu li mhux fl-interess pubbliku li joħroġ tali liċenzja. Il-Kummissarju intimat wasal għad-deċiżjoni tiegħu wara li ħa in konsiderazzjoni sentenza mogħtija fil-konfront tar-rikorrenti mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-24 ta' Mejju 2018.

**Ir-rikorrenti** xehdet illi hija għandha bżonn il-liċenzja ta' gwardjan privat sabiex iżżomm l-impjieg li għandha preżentement ma' Kumpanija li toffri servizzi ta' sigurtà. Tispjega li hija ġiet assenjata taħdem fl-Awtorità tad-Djar bħala uffiċjal tal-*customer care*. Tispjega li snin ilu hija kellha problemi familjari u għalhekk iffalsifikat ċertifikat ta' riżultat ta' eżami. Madankollu tispjega illi xi ftit tas-snin ilu kellha intervista għal xogħol u fost iċ-ċertifikati li kellha, kien hemm ukoll iċ-ċertifikat iffalsifikat. Jirriżulta li l-persuna li vverifikat iċ-ċertifikati ndunat bil-falsifikazzjoni taċ-ċertifikat u għamlet rapport lill-Pulizija. Spjegat ukoll illi hija qiegħda tagħmel ħilitha biex tgħaddi minn xi eżamijiet.

**Leonid Mackay**, Kap Eżekuttiv tal-Awtorità tad-Djar, xehed illi r-rikorrenti taħdem direttament mal-klijenti tal-Awtorità u li l-*feedback* li kellu mingħand is-superjur tagħha kien wieħed pożittiv.

**Marianne Sacco**, *Manager* fi ħdan il-*Customer Care* tal-Awtorità tad-Djar, xehdet illi lir-rikorrenti kienet ilha tafha tliet snin u li dejjem kienet tajba f'xogħolha, liema xogħol jinkludi tirrispondi t-telefonati, tara lin-nies u wkoll tiġbor flus *cash*.

**Anthony Cutajar**, *Supervisor* mal-Kumpanija Kerber Security, spjega illi r-rikorrenti taħdem mal-istess Kumpanija. Jispjega li filwaqt li r-rikorrenti tagħmel xogħol klerikali mal-Awtorità tad-Djar, it-*tender* mogħti lill-imsemmija Kumpanija mill-Awtorita` tad-Djar jirrikjedi li min jiġi assenjat mal-Awtorità ikollu liċenzja ta' gwardjan privat.

**L-Ispettur Sarah Magri** spjegat illi meta sar il-*vetting* sabiex tiġi proċessata l-applikazzjoni in kwistjoni rriżultalhom li r-rikorrenti kienet ġiet misjuba ħatja ta' reat ta' falsifikazzjoni u kien għalhekk li fil-fehma tiegħu l-Kummissarju intimat qies li mhux fl-interess pubbliku li tinħarġilha liċenzja.

**Ikkunsidra:**

Illi mill-provi prodotti jirriżulta illi l-Kummissarju intimat immotiva ċ-ċahda tiegħu għall-ħrug tal-liċenzja *de quo* abbażi tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-24 ta' Mejju 2018 u li permezz tagħha r-rikorrenti ġiet misjuba ħatja li ffalsifikat u użat ċertifikat ta' eżami li suppost kien maħruġ mill-Università ta' Malta. Abbażi ta' din is-sentenza l-Kummissarju intimat ħass li ma kienx fl-interess pubbliku li joħroġ il-liċenzja *de quo*.

Illi t-Tribunal huwa tal-fehma li jkun għaqli li jiċċita l-artikolu 10 (b) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijet ta' Malta (Att dwar il-Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunità):

*"10. Il-Kummissarju tal-Pulizija* ***għandu jirrifjuta***[3] *applikazzjoni f'kull waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:*

*(b) meta dan jikkunsidra li jkun fl-interess pubbliku li jirrifjuta dik il-liċenza.."*

Illi t-Tribunal fela s-sentenza mogħtija fil-konfront tar-rikorrent u ħa in konsiderazzjoni l-verżjoni mogħtija mir-rikorrenti, u cioè illi hija kienet iffalsifikat iċ-ċertifikat tal-eżami għaliex kienet f'sitwazzjoni familjari partikolari u xtaqet ittejjeb is-sitwazzjoni tagħha. Illi filwaqt li t-Tribunal jissimpatizza mar-rikorrenti, xorta waħda jqis illi dak li għamlet ir-rikorrent ikisser il-fiduċja li l-pubbliku għandu jkollu f'dokumenti ta' istituzzjoni daqshekk importanti bħalma hi l-Università ta' Malta.

Illi huwa minnu wkoll illi minn meta ffalsifikat iċ-ċertifikat in kwistjoni għaddew numru ta' snin u li l-proċeduri kontriha nbdew wara ħafna snin wara li applikat għal xogħol u ppreżentat l-istess ċertifikat falsifikat lill-persuna li kienet qiegħda tagħmlilha l-intervista. Illi wara li ħadet in konsiderazzjoni l-fatti kollha l-Qorti tal-Maġistrati rat li kellha tagħti opportunità lir-rikorrenti u bħala piena ordnatilha li tagħmel servizz fil-komunità. Illi, għalhekk, ai termini tal-artikolu 25 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-piena nflitta ma tistax tittieħed in konsiderazzjoni ai fini tal-għoti o meno tal-liċenzja in kwistjoni. Fil-fatt il-Kummissarju intimat ma ħadhiex in konsiderazzjoni, però xorta ħa in konsiderazzjoni r-reati mwettqa mir-rikorrenti.

Illi r-rikorrenti pproduċiet numru ta' xhieda biex jixhdu fuq il-komportament tagħha fuq il-post tax-xogħol. L-istess xhieda kollha tkellmu fil-pożittiv dwar ix-xogħol li

[3] Enfasi tat-Tribunal

hija tagħmel. Illi għalhekk dan it-Tribunal irid jeżamina jekk il-Kummissarju intimat meta ġie biex jevalwa l-applikazzjoni tar-rikorrenti kienx ekwu u ġust fid-deċiżjoni tiegħu. Illi t-Tribunal jifhem u japprezza illi l-bilanċ bejn l-interess individwali u l-interess pubbliku huwa wieħed delikat ħafna. Fuq naħa għandek persuna li trid taħdem f'impjieg speċifiku li miegħu hemm marbutin numru ta' kundizzjonijiet filwaqt li fuq in-naħa l-oħra hemm is-salvagwardja tal-interess pubbliku.

Illi dan it-Tribunal ikkunsidra li l-Kummissarju intimat ma ġab l-ebda prova kif ir-rikorrenti tista' tkun ta' theddida għall-interess pubbliku ħlief li hija ffalsifikat ċertifikat ta' eżami tal-Università ta' Malta meta kienet għadha adoloxxenti u li użat l-istess ċertifikat ċirka erba' (4) snin ilu. Fuq in-naħa l-oħra tal-munita t-Tribunal għandu quddiemu persuna li qiegħda tagħmel ħilitha biex ittejjeb ħajjitha, anke billi terġa' tipprova tagħmel xi eżamijiet tal-MATSEC, u li qiegħda taħdem b'mod regolari ġo Awtorità fejn tħabbat wiċċha ma' numru kbir ta' nies u anke tkun afdata bi flus tal-istess Awtorità.

Illi t-Tribunal japprezza l-apprensjoni li jista' jkollu l-Kummissarju intimat, però jibqa' l-fatt li l-istess Kummissarju straħ biss fuq is-sentenza mogħtija fl-24 ta' Mejju 2018. Fl-umli opinjoni ta' dan it-Tribunal meta l-Kummissarju intimat jagħżel li jimmotiva d-deċiżjoni tiegħu abbażi tal-artikolu 10 (b) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta huwa għandu jmur pass oltre minn hekk. Id-diskrezzjoni afdata f'idejh tirrikjedi li juri illi jkun ghamel xi forma ta' stharrig iehor, bhal ma tista' tkun intervista per ezempju, sabiex ikollu stampa iktar ċara ta' x'għamel l-istess applikant bejn meta seħħ ir-reat sa dakinhar li tkun saret l-applikazzjoni. Illi m'hemmx kontestazzjoni li dak li għamlet ir-rikorrenti huwa ċensurabbli, imma l-mistoqsija tqum sa kemm għandha tibqa' ġġorr kastig għal dak li wettqet jekk hemm provi li juru li l-istess rikorrenti mxiet 'il quddiem b'ħajjitha u qabdet it-triq it-tajba?

Dan it-Tribunal jagħmel referenza għas-sentenza mogħtija minnu fil-kawża ***Edward Cernigliaro vs Kummissarju tal-Pulizija*** datata 13 ta' Novembru 2014 li fiha ntqal is-segwenti:

*"Illi dan it-Tribunal, fil-prezent, ma jista' jirraviża l-ebda ċirkostanza għaliex il-Kummissarju tal-Pulizija jista' jqis lir-rikorrenti bħala persuna li ma tistax tafdaha fil-qadi ta' dmirijiet ta' gwardjan privat. Huwa veru li r-rikorrenti, f'età ferm iżgħar u cioè meta kellu minn tmintax sa wieħed u għoxrin sena, kien ikkommetta r-reati elenkati aktar 'il fuq, però t-Tribunal iħoss li għadda biżżejjed żmien biex ir-rikorrent jingħata ċans, wara dan iż-żmien kollu, "to prove himself". Illi r-rikorrent jidher determinat li jrid imexxi ħajtu 'l quddiem, filwaqt li għaraf li dak li għamel fil-passat kien żbaljat. Illi fl-opinjoni tat-Tribunal, il-Kummissarju intimat ma setax*

*jieqaf biss fuq is-sentenzi pronunzjati fil-konfront tar-rikorrent biex jifforma d-deċiżjoni tiegħu għar-rifjut tal-applikazzjoni de quo. Kieku kien rifjut abbażi tal-artikolu 10 (a) kien ikun mod ieħor għax dawk ir-reati kristallizzati fl-istess sub-artikolu jagħmluha tassattiva fuq min qiegħed jiddeċiedi li għandu jirrifjuta tali applikazzjoni, dejjem jekk ikun hemm* ***__dikjarazzjoni ta' ħtija__*** *in linea ma dak pronunzjat minn dan it-Tribunal, anke kif diversament presjedut, f'diversi sentenzi.*

*Illi t-Tribunal jifhem ir-responsabbilità kbira li l-Kummissarju intimat għandu fil-ħruġ ta' liċenzja ta' gwardjan privat meta wieħed iqis in-natura tad-dmirijiet tal-istess gwardjani, però f'dan il-każ ma jarax, in vista ta' dak rilevat iktar 'il fuq, li l-istess Kummissarju kien ġustifikat li jiċħad it-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ tal-istess liċenzja ai termini tal-Artikolu 10(b) tal-Kap.389 tal-Liġijiet ta' Malta. It-Tribunal jara d-diskrezzjoni tal-Kummissarju intimat bħal miżien fejn f'keffa minnhom hemm l-interess pubbliku u fil-keffa l-oħra hemm id-dritt li persuna tiġi konċessa lilha l-liċenzja in kwistjoni. Biex wieħed isib bilanċ jista' jkun eżerċizzju diffiċli u delikat. Ħafna drabi, każijiet simili, jaslu quddiem dan it-Tribunal għaliex proprju l-keffa tal-interess pubbliku tingħata aktar piż mid-dritt tal-individwu li jottjeni l-liċenzja in kwistjoni u l-eżerċizzju li dan it-Tribunal irid jagħmel huwa li jara jekk dak il-piż li ngħata lill-interess pubbliku kienx wieħed ġustifikat fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ. Madankollu, it-Tribunal irid jissottolinea li ma jirriżultalux li l-Kummissarju intimat f'dan il-każ aġixxa b'mala fede fil-konfront tar-rikorrenti."*

Illi jirriżulta li minkejja li din is-sentenza ġiet konfermata mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-7 ta' Frar 2017, il-Kummissarju intimat baqa' jirrifjuta applikazzjonijiet abbażi tal-artikolu 10 (b) mingħajr ebda investigazzjoni ulterjuri. Illi fil-fehma tat-Tribunal dan huwa nuqqas, għaliex persuna tista' tiżbalja imma jekk ma jirriżultax li hemm xi theddida oġġettiva serja għas-soċjetà m'għandhiex tibqa' miċħuda d-dritt li jkollha l-liċenzja *de quo*.

Għaldaqstant, fiċ-ċirkostanzi, it-Tribunal huwa tal-fehma illi d-deċiżjoni appellata għandha tiġi revokata sabiex tiġi rikonsiderata mill-ġdid fid-dawl ta' dak li ngħad hawn fuq.

Illi finalment, però, dan it-Tribunal ma jistax japprova l-applikazzjoni *de quo* kif mitlub mir-rikorrenti anke jekk artikolu 11 (3) tal-Kapitolu 389 jistipula li tali talba tista' ssir. Illi dan it-Tribunal huwa wieħed ta' reviżjoni però ma jistax jissostitwixxi d-diskrezzjoni tal-Kummissarju intimat b'dik tiegħu. Tali diskrezzjoni tispetta biss lill-Kummissarju intimat.

**DECIDE**

Għaldaqstant, it-Tribunal, għar-ragunijiet hawn fuq premessi u fit-termini hawn fuq enunċjati qiegħed jilqa' l-appell tar-rikorrent fis-sens li qiegħed jirrevoka d-deċiżjoni appellata però jiċħad it-talba tar-rikorrenti sabiex japprova l-applikazzjoni għall-ħruġ tal-liċenzja *de quo*. Konsegwentement jiċħad l-eċċezzjonijiet tal-Kummissarju intimat ħlief għat-tmien eċċezzjoni li qiegħda tiġi milqugħa.

Bl-ispejjeż a karigu tal-Kummissarju intimat.

______________________________

**Maġistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

__________

**Diane Gatt**
**Deputat Reġistratur**